



Brussell, 14 ta' Ġunju 2019
(OR. en)

10359/19

SOC 492
FIN 422
REGIO 177

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	14 ta' Ġunju 2019
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 9575/19	
Suġġett:	Ir-Rapport Speċjali Nru 5/2019 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: "FEAD -Fond għal Għajjuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn: Appoġġ siewi iżda l-kontribut tiegħu għat-tnaqqis tal-faqar għadu mhuwiex stabbilit" - Konklużjonijiet tal-Kunsill (13 ta' Ġunju 2019)

Id-delegazzjonijiet isibu mehmużin il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq adottati mill-Kunsill EPSCO fil-laqgħa tiegħu li saret fit-13 ta' Ġunju 2019.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 5/2019 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: "FEAD - Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn: Appoġġ siewi iżda l-kontribut tiegħu għat-tnaqqis tal-faqar għadu mhuwiex stabbilit"

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

1. IRĊIEVA Rapport Speċjali informattiv u komprensiv mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) intitolat "FEAD - Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn: Appoġġ siewi iżda l-kontribut tiegħu għat-tnaqqis tal-faqar għadu mhuwiex stabbilit";
2. ITENNI l-importanza tat-tnaqqis tal-faqar u l-esklużjoni soċjali bħala komponent ewlieni tal-Istrateġija Ewropea 2020; JINNOTA li hu importanti li jkompli jittieħed kont tas-sitwazzjoni speċjali, l-isfidi, u l-ħtiġijiet tal-utenti aħħarija tal-FEAD, u li l-isforzi għat-tnaqqis tal-faqar jiffukaw fuq il-persuni l-aktar fil-bżonn u, f'konformità mal-oġettiv speċifiku tal-FEAD, li jittaffew l-aġar forom tal-faqar; JINNOTA li l-involviment tan-netwerks tal-organizzazzjonijiet sħab żguraw reazzjonijiet adatti għall-ħtiġijiet lokali;
3. JINNOTA f'dan il-kuntest li l-evalwazzjoni¹ ta' nofs it-terminu tal-FEAD, imwettqa mill-Kummissjoni, ikkonfermat li l-FEAD kienet wasslet l-assistenza ferm meħtieġa lill-persuni l-aktar fil-bżonn. Minkejja l-baġit limitat tagħha tal-Unjoni ta' EUR 3.8 biljun, bejn l-2014 u l-2017, il-FEAD appoġġat medja ta' 12.7 miljun persuna kull sena u laħqet gruppi mmirati ewlenin, skont is-sitwazzjonijiet nazzjonali;
4. JENFASIZZA li għalkemm ir-Rapport Speċjali tal-QEA ikkonċentra fuq disa' Stati Membri biss u kien ibbażat fuq id-dokumentazzjoni ta' programmar u monitoraġġ eżistenti, l-Istati Membri koperti huma dawk li l-aktar qed jużaw il-fondi tal-FEAD, b'madwar żewġ terzi tal-finanzjament tal-FEAD għall-2014-2020 qed jintuża minn dawn id-disa' Stati membri. Barra minn hekk, kważi l-Istati Membri kollha wiegħbu għall-istħarriġ tal-QEA dwar l-ipprogrammar, l-operazzjonijiet u l-monitoraġġ tal-FEAD;

¹ Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni: Evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn, SWD (2019) 148; u s-Sommarju Eżekuttiv tagħha, SWD (2019) 149.

5. JINNOTA t-tliet rakkomandazzjonijiet ta' konklużjoni mill-QEA, li jappellaw għal mira aħjar tal-għajnuna tal-FEAD (Rakkomandazzjoni 1), is-salvagwardja tal-miżuri ta' inklużjoni soċjali għar-riċevituri tal-assistenza materjali bażika (Rakkomandazzjoni 2), u titjib għall-valutazzjoni tal-inklużjoni soċjali tar-riċevituri aħħarija tal-FEAD (Rakkomandazzjoni 3);
6. JIEĦU NOTA tas-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet tar-Rapport Speċjali tal-QEA, li jista' jittieħed kont tagħhom fit-tfassil u l-ipprogrammar tal-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+), fejn u sa fejn ikun rilevanti;
7. IFAKKAR li l-Kummissjoni pproponiet il-fużjoni tal-FEAD fl-FSE+ taħt il-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss (2021-2027) bil-għan li jkun aktar faċli li l-ikel u l-għajnuna materjali jkunu kkombinati mal-inklużjoni soċjali u miżuri attivi, u li tkompli tissaħħaħ id-dimensjoni tal-inklużjoni soċjali tal-appoġġ u tkun pprovduta mogħdija integrata għall-ħruġ mill-faqar;
8. IFAKKAR li l-Kummissjoni pproponiet li l-Istati Membri għandhom jallokaw ċertu perċentwal tar-riżorsi tagħhom tal-FSE+ għall-indirizzar tal-privazzjoni materjali, bil-għan li jilħqu mira komuni fil-livell tal-UE;
9. JAPPELLA lill-Kummissjoni li tkompli l-kondiviżjoni tal-għarfien tagħha rigward l-FEAD, inkluż dwar il-miżuri li jakkumpanjaw il-provediment tal-ikel u/jew assistenza materjali bażika. Ir-Rapport Speċjali tal-QEA għandu jipprovdi kontribut siewi għal tali attivitajiet ta' qsim tal-għarfien;
10. Fid-dawl tar-Rakkomandazzjoni 3 tar-Rapport Speċjali, JAPPELLA lill-Kummissjoni tkompli torganizza seminars u/jew taġlim bejn il-pari dwar kif jiġu mmonitorjati, ievalutati u evalwati l-miżuri li jgħinu l-persuni l-aktar fil-bżonn, ukoll b'kont meħud, sa fejn rilevanti, tas-sejbiet ippreżentati u l-prattiki tajbin identifikati fir-Rapport Speċjali.